MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 1814/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Michael Attard Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi**
**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited, jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Dicembru 2001 fejn gie mitlub li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sbatax il-lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1417,56), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assikurata tas-socjeta` attrici u spejjes ta' *survey* relattiv, waqt li dawn il-vetturi kienu fil-kura u l-kustodja tal-konvenut, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment *Maltese Falcon* fit-13 ta' Awissu 2001, liema danni diga` thallsu mis-socjeta` attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li minn issa huma ngunti gha-subizzjoni taghhom.

Ra r-Risposta tas-Sea Malta Company Limited fejn hija kkontestat it-talbiet attrici ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-*Tally Sheet* rilevanti (Dok. A);

2. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati a tenur tal-klawzola tal-ezoneru kontenuta fil-polza ta' karigu relevanti (Dok. B);

3. It-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament illi jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta` eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` eccipjenti dejjem agixxiet bhala *bonus paterfamilias* fil-konfront tal-merkanzija fdata lilha u ghalhekk ukoll mhux responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Attard, Philip Ciantar, Peter Saliba, Peter Bonello, John Falzon, Dr. Aron Mifsud Bonnici, Dennis Satariano, Herbert Naudi, Manuel Mallia u ta' Vincent Sacco. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi fit-13 ta' Awissu 2001 waslet Malta fuq il-bastiment *Maltese Falcon* tas-socjeta` Sea Malta Company Limited konsenja ta' 130 vettura tal-marka *Peugeot* destinata ghas-socjeta` Michael Attard Limited. Skond il-polza ta' karigu (a fol. 10) dawn il-vetturi kienu "*New vehicles in good starting condition*" u tnizzlet ir-rimarka "*clean on board*". Ghalhekk jidher li meta l-vetturi tghabbew fuq il-vapur dawn ma kellhom ebda hsara jew nuqqas. Din il-merkanzija giet sbarkata dakinhar stess li waslet Malta u mill-provi jirrizulta li nzammu zewg *joint tally sheets*, wahda saret mit-*tally clerks* tas-Sea Malta (a fol. 8 u 9 tal-process) u l-ohra saret mit-*tally clerks* tal-Cargo Handling (a fol. 57, 58 u 59 tal-process). Minn dak li jirrizulta mit-*tally sheets* apparentement tezisti diskrepanza bejn dak konstatat mit-*tally clerks* tas-Sea Malta u dak rilevat mit-

*tally clerks* tal-Cargo Handling. It-*tally sheets* in kwistjoni huma *joint* billi fuqhom insibu l-firma kemm tat-*tally cerk* tas-Sea Malta kif ukoll tat-*tally clerk* tal-Cargo Handling. It-*tally sheet* tas-Sea Malta sar waqt li l-vetturi kienu qed jitnizzlu minn fuq ir-rampa tal-vapur waqt li t-*tally sheet* tal-Cargo Handling sar fil-*car compound* tal-Cargo Handling. Manwel Mallia li xehed fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2002, u li kien it-*tally clerk* li hejja t-*tally sheet* tal-Cargo Handling spjega li "***malli l-vetturi jinzlu minn fuq il-vapur, ahna naqsmuhom fi gruppi ta' ghaxra u, malli l-vetturi jibdew dehlinfil-car compound, ahna nibdew niccekjawhom wahda wahda***". Dan ix-xhud spjega li bejn ir-rampa tal-vapur u l-*car compound* hemm distanza ta' bejn hamsin u mitt metru u ghalhekk vettura ddum ftit sekondi sabiex tasal mir-rampa tal-vapur ghal *car compound*. Dan ix-xhud spjega wkoll li kien hemm hafna problemi in kwantu jirrigwarda l-karozzi u ghalhekk it-*tally clerks* tal-Cargo Handling inghataw struzzjonijiet li t-*tallying* ta' vetturi kellu jsir fil-*car compound* sabiex il-vettura tkun tista' tigi spezzjonata adegwatament peress li meta tkun niezla minn fuq il-vapur u tkun qed tinstaq mill-haddiema tal-port li jkunu mghagglin ma jkunx hemm cans bizzejjed biex isir *tallying* akkurat. Dejjem skond dan ir-rapprezentant tal-Cargo Handling ikun hemm *tally clerk* iehor tal-Cargo Handling waqt li l-vetturi jkunu niezlin minn fuq ir-rampa tal-vapur u suppost ikun hemm rapprezentant tas-Sea Malta waqt li jkun qed isir it-*tallying* fil-*car compound*. Dan ix-xhud izda jghid li ma jiftakarx jekk dakinhar kienx hemm rapprezentant tas-Sea Malta fil-*car compound* peress li ghadda z-zmien izda jirribadixxi li suppost kien hemm dan ir-rapprezentant u jindika li l-*joint tally* a fol. 57 huwa debitament iffirmat mir-rapprezentant tas-Sea Malta.

Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited tirritjeni li hija m'ghandhiex titqies responsabbli ghal dawk il-hsarat li ma jirrizultawx fuq it-*tally sheet* imhejji mit-*tally clerk* taghha stante li t-*tally sheet* li sar mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling sar meta l-vetturi kienu diga fil-pussess tal-Cargo Handling.

F’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ April 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace nomine vs GodwinAbela nomine et (Citazz. Nru 1284/90PS)** gie ritenut li il-*joint tally sheets* huma mportanti “**in kwantu jirrapprezentaw certament prova jew ricevuta tal-istat tal-merkanzija li tnizzlet minn abbord**”. F’din is-sentenza li wkoll kienet titratta dwar kaz fejn kien hemm diskrepanza bejn il-kontenut tat-*tally sheet* imhejji mit-*tally clerk* tal-vapur u dak tal-Cargo Handling intqal ukoll is-segwenti:-

“**Wiehed imbaghad koncettwalment ma jistax jaccetta l-identifikazzjoni tal-hsarat kif stabbiliti fit-tally sheet tat-tally clerk tal-vapur u jiskarta dik tat-tally clerk tal-Cargo Handling meta din ukoll kienet joint tally u dwar il-korrettezza u l-veracita` tal-kontenut taghha l-istess tally clerk tal-vapur jassumi l-paternita` meta apporta l-firma tieghu fuqha jew fuqhom**”.

In kwantu jirrigwarda l-kaz odjern it-Tribunal jidhirlu li l-firma tar-rapprezentant tas-Sea Malta fuq it-*tally sheet* imhejji mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling qed jiccertifika l-korrettezza u l-veracita` ta’ dan id-dokument. Huwa minnu li anki t-*tally sheet* imhejji mit-*tally clerk* tas-Sea Malta gie ffirmat mit-*tally clerk* tal-Cargo Handling li kien ghalhekk ukoll qieghed jiccertifika l-korrettezza ta’ dan id-dokument izda t-Tribunal jidhirlu li mill-provi rrizulta li t-*tally sheet* tal-Cargo Handling sar b’mod aktar akkurat u huwa izjed attendibbli, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-konsenja in kwistjoni kienet tirrigwarda 130 vettura. Kif spjega Manwel Mallia, il-vetturi jdumu biex jaslu mir-rampa tal-vapur sal-*car compound* fejn sarilhom it-*tally* mit-tally clerk tal-Cargo Handling biss ftit sekondi u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-hsarat u n-nuqqasijiet riportati fit-tally sheet imhejji mill-Cargo Handling kienu certament jezistu waqt li l-kariku kien ghadu fil-kustodja tal-vapur.

Mill-provi rrizulta wkoll li Michael Attard Limited ghamlet *claim* mas-socjeta` attrici in kwantu jirrigwarda l-hsarat u n-nuqqasijiet riskontrati fi tletin vettura minn din il-konsenja u s-socjeta` attrici wara li baghtet *surveyor*

sabiex jispezzjona l-vetturi (survey esebit a fol. 29). Dan is-survey sar fis-16 ta' Awissu 2001 waqt li l-vetturi kienu ghadhom fil-pussess tal-Cargo Handling. Mill-*Gate Pass Out* esebit a fol. 43 tal-process fil-fatt jirrizulta li l-merkanzija giet rilaxxjata lill-importatur fis-17 ta' Awissu 2001. Is-socjeta` attrici hallset is-somma ta' Lm1297.56 in kwantu jirrigwarda l-hsarat u nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi u s-somma ta' Lm520.00 bhala *survey fees*. Minn dan l-ammont ta' Lm520.00 is-socjeta` attrici qed titlob l-ammont ta' Lm120.00 fil-kawza odjerna u cioe` il-porzjon rigwardanti l-vetturi danneggjati jew li kien fihom il-hsarat.

Kif diga` ntqal aktar il-fuq l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici bhala danni jirrigwarda 30 vettura izda mill-*joint tally sheet* tal-Cargo Handling jidher li kien hemm hsarat u nuqqasijiet fi 28 vettura. Il-hsarat jew nuqqasijiet reklamati in kwantu jirrigwardu l-vetturi bir-referenza numu 3301357 u 41726326 m'humiex riportati la fit-*tally sheet* tal-Cargo Handling u l-anqas fit-*tally sheet* tas-Sea Malta. Dawn il-hsarat huma riportati fis-*Survey Report* li sar mis-surveyor imqabbad mis-socjeta` attrici, li kif intqal aktar il-fuq, sar waqt li l-vetturi kienu fil-pussess tal-Cargo Handling u ghalhekk il-hsarat riportati f'dawn iz-zewg vetturi ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited. Mid-dokumenti esebiti a fol. 38 u 39 tal-process jirrizulta li dawn il-hsarat kienu jammontaw komplessivament ghal Lm130.00.

Ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq it-Tribunal jirritjeni li l-bilanc tad-danni reklamati mis-socjeta` attrici ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited li ghandha ghalhekk thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1287.56.

Permezz tat-tielet eccezzjoni minnha sollevata is-socjeta` konvenuta eccepiet li hija m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici a tenur tal-klawzola tal-ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu relevanti. L-imsemmija polza fil-fatt tistipula li "***Unprotected motorcars – ship not responsible for damages and accessories***" u "***vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles***

***nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories***". F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Atlas Insurance Agency Limited vs Advance Shipping Limited**' fejn il-Qorti qalet hekk in kwantu jirrigwarda klawzoli tal-ezoneru kontenuti f'polza ta' karigu:-

"***Kif gja drabi ohra rilevat, 'id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tissejjah 'assicurazione delle colpe proprie'. "Paul Camilleri et – Kopja Informali ta' Sentenza vs- Paolo Mifsud et", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957 a Vol XLI pl p616.***

***Din hi gurisprudenza sana hafna anke ghaliex mhux sewwa li klawsoli generici ta' ezoneru jeludu l-indagini tat-tribunali biex jigi assigurat li r-relazzjonijiet kontrattwali jigu esegwiti fir-rispett shih tad-drittijiet u tal-obbligi assunti. L-principju ghandu jibqa' dejjem dak li d-depozitarju ta' oggetti fdati lilu jibqa' responsabbli u jkollu allura jwiegeb ghall-hsarat jew nuqqasijiet fil-merce meta dawn, bhal f'dan il-kaz, jigu addebitati lilu. Kif gie osservayt "klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljievi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere" – "Avv. Peter Borg Costanzi nomine –vs- Sullivan Maritime Limited et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999."***

Dan il-principju gie wkoll ribadit f'sentenza ohra tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Formosa and Camilleri Limited vs Sea Malta Company Limited et** fejn klawzola ta' ezoneru identika ghal dik tal-kaz odjern giet ritenuta nulla u mhux applikabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici f'dik il-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Sea Malta Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1287.56) u lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited u in kwantu ghal kwart mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited."

Minn din is-sentenza appellat biss is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited li talbet ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal in raguni ghal dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal kien zbaljat meta ddipartixxa mill-principju illi r-responsabilita` tal-vettural tintemm wara li l-merkanzija tigi sbarkata minn abbord. Tikkontendi f'dan il-kuntest illi t-Tribunal messu akkorda aktar attenzjoni lit-"tally sheets" li saru fil-mument li l-vetturi kienu fil-"compound" tal-Cargo Handling.

2. Korrelatat ma' dan l-aggravju saret lanjanza generali u elaborata dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

Jigi notat illi is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma wiegbetx ghal dawn l-aggravji. Inoltre din is-socjeta` ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li sabitha hatja u ghalhekk din, fir-rigward taghha, tikkostitwixxi gudikat. Kif lanqas ma jirrizulta illi s-socjeta` attrici appellat b'mod incidentali.

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti fir-rigward tal-aggravji sottomessi hu dak li dawn jinvolvu kemm kwestjoni ta' principju kif ukoll kritika dettaljata tal-apprezzament ta' fatt. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jigi

ribadit dak li del resto hu sew maghruf fil-gurisprudenza illi din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li jaghmel l-ewwel tribunal sakemm pero` ma jkunux jirrizultaw cirkostanzi tali li juru bic-car illi tali apprezzament kien manifestament zbaljat u li allura, jekk tigi konfermata s-sentenza appellata, tkun ser tigi kommessa ngustizzja. Hu f'tali sitwazzjoni meta tokkorri illi din il-Qorti jkollha b'dover tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-fatti ghal dak li jkun erronjament ghamel l-ewwel tribunal. Dan hu pacifiku anke f'kazijiet ta' din ix-xorta koncernanti 'marine cargo claims'. Ara "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- John C. Cooper et noe**", Appell, 25 ta' Gunju 1999.

Premess dan il-principju tad-dritt proceduralі din il-Qorti hi tal-fehma illi fuq ir-ri-ezami taghha tar-rizultanzi istruttorji, l-kaz in ezami hu wiehed minn dawk fejn hu konsentit li l-apprezzament tat-Tribunal jigi disturbat. Dan anke ghaliex fih hi involuta konsiderazzjoni importanti ta' meta kellha tispicca r-responsabilita` tal-vettural u tibda dik tas-socjeta` portwali nkarigata mill-kontroll u harsien tal-merce wara li din tigi mahtuta minn abbord il-vapur.

In linea ta' massima generali, u skond regoli notorji fil-kamp tal-garr marittimu, hu konoxxut illi l-obbligu kontrattwali tat-trasportatur bil-bahar hu dak li jwassal il-merce fid-destinazzjoni taghha u f'dik il-kondizzjoni li l-polza tal-karigu tattribwilha, eccettwat, s'intendi, dawk l-"excepted perils" li l-Artikolu 4 tal-Hague Rules jippreskrivi. In partikolari, l-vapur ghandu b'obbligu d-dover "to properly and carefully load, handle, stow, carry, keep, care for, and discharge the goods carried" (Art 3(2) tal-istess Hague Rules).

Fil-kaz de quo skond l-istess termini precizi tal-Polza (fol 10) gjaladarba l-vetturi gew mghobbija "clean on board" ghandu jkun mistenni li dawn jigu skarikati f'din l-istess kundizzjoni tajba. Il-prova tal-istat taghhom fil-mument tal-hatt hu solitament provvdut mit-"tally sheets" li f'dan il-kaz kienu 'joint'. Dan ghaliex, kif saput, huma dawk id-dokumenti portwali li joffru indikazzjoni tal-kundizzjoni tal-merce u li jirrapprezentaw l-istadju fokali meta din tkun

qed tigi skarikata minn fuq il-vapur u tigi konsenjata fuq il-moll f'idejn is-socjeta` Cargo Handling. Dan ifisser illi jekk ir-responsabilita` tal-vettural tibda malli l-merce tigi accettata abbord, l-fazi kompluta tal-iskarikar fil-port ta' destinazzjoni tistabilixxi l-mument meta tispicca din l-istess responsabilita`. Skarikazzjoni li normalment issir bil-mod solitament pratikat fejn il-verifika tal-kundizzjoni tal-vetturi jsir skond l-uzanza u r-regoli portwali waqt li dawn jkunu qed jitnizzlu minn abbord. Fuq dan jidher li hemm konkordanza bejn il-kontendenti.

Dan precizat, jirrizulta fil-kaz in ispecje illi gew prezentati zewg settijiet ta' "tally sheets". Dawk esebiti mis-socjeta` appellanti a fol 8 u 9 tal-process u dawk l-ohrajn tas-socjeta` konvenuta l-ohra esebiti minn fol 57 sa fol 59. Ghalkemm iz-zewg settijiet huma "joint", dawk redatti mit-tally clerks tal-vapur saru meta l-vetturi kienu nezlin minn fuq ir-rampa tal-vapur ghal fuq l-moll mentri l-ohrajn registrati mit-tally clerks tal-Cargo Handling saru meta l-vetturi kienu jinsabu fil-'compound' tal-istess kumpanija.

Jidher mis-sentenza appellata li t-Tribunal ippresta aktar affidament lit-tally sheets tal-Cargo Handling ghaliex fil-fehma tieghu dawn saru "b'mod aktar akkurat u izjed attendibbli".

Bir-rispett kollu dovut din il-Qorti ma tistax taccetta bhala gustifikattiv dan l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Fir-rigward tissenjala dawn l-osservazzjonijiet sinifikattivi:-

1. Ibda biex il-konkluzjoni dwar l-akkuratezza u l-attendibilita` tat-tally sheets esebiti mill-Cargo Handling kienet taghmel sens kieku kemm dawn id-dokumenti u dawk l-ohrajn prezentati mis-socjeta` appellanti gew redatti fl-<u>istess</u> mument li fih saret l-ispezzjoni tal-vetturi. Fir-rigward tar-responsabilita` tal-vapur u dan ighodd ukoll riferibilment ghall-Cargo Handling li hadet fil-pussess taghha l-vetturi dak il-mument kellu jkun dak fejn il-vetturi kienu qed jigu skarikati minn abbord il-vapur;

2. It-Tribunal ma kellux jiskarta t-tally sheets tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti, li saru proprju meta l-vetturi kienu qed jigu mahtuta, in kwantu dawn kienu jikkostitwixxu prova u ricevuta tal-istat tal-vetturi fil-mument propizju tat-trapass mill-pussess tal-vapur f'idejn il-Cargo Handling;

3. Din il-Qorti ma tistax taccetta r-raguni, jew ahjar l-iskuzanti, avallata minn xi xhieda tal-Cargo Handling, fosthom Emanuel Mallia (fol 94), tal-allegata ghaggla li jkun hemm fil-process tal-iskarikar tal-vetturi minn abbord. Din l-allegazzjoni ma kienetx certament tiddispensa lill-Cargo Handling milli tikkonduci l-verifiki taghha fil-mument tal-iskarikazzjoni bl-iskuzanti li dawn l-istess verifiki setghu jsiru ahjar fil-"compound". Del resto kien fl-interess taghha wkoll li tippartecipa, mhux sempliciment bil-presenza tar-rappresentant taghha, izda b'mod effettiv fil-process tat-tallying tal-vetturi minn abbord il-vapur. Dan ghaliex hu proprju dan l-ezercizzju li jistabilixxi liema socjeta` kienet tenuta twiegeb ghad-danni riskontrati f'dak il-mument krucjali. Dan ifisser illi, kif pacifikament akkolt, jekk it-tally sheets tal-Cargo Handling "ma jirrispekkjax il-kundizzjoni vera tal-karozzi fil-mument meta gew sbarkati u konsenjati fuq il-moll, il-Cargo Handling setghet biss tinkolpa lilha nfisha' ("**Leslie Causon noe-vs- Godwin Abela noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

4. Lanqas allura ma tista' din il-Qorti taccetta ghal raguni ta' konvenjenza illi l-Cargo Handling titbieghed mill-prattika portwali u r-regolamenti biex tikkonduci l-verifiki taghha bil-mod li jidhrilha hi. Il-perikolu u l-pregudizzju ta' din l-uzanza innovattiva introdotta minn din il-kumpanija huma ben evidenti fil-konfront tas-sidien, trasportaturi, noleggjaturi tal-vapur ghax ikun ifisser li dawn jibqghu responsabbli anke wara li l-merkanzija tkun telqet minn taht il-kustodja u kontroll taghhom. Ghal din il-Qorti, dment li ma jkunx regolat xort'ohra minn xi ligi jew regolament, din l-uzanza mhux biss mhiex accettabbli izda addirittura tmur kontra kull buon sens u r-raguni guridika li trid li l-ezercizzju ta' verifika u kontroll verament iservi biex f'kull stadju tat-trapass tal-merkanzija tkun

maghrufa l-kundizzjoni tal-merkanzija u allura l-addebitu tal-htija f'min kien tenut jikkustodiha.

5. Huwa bil-wisq logiku illi din l-uzanza, jekk accettata, ggib fix-xejn il-htiega li l-Cargo Handling tibghat rapprezentanti taghha abbord ghal skop ta' 'tallying' ghax dan ikun ezercizzju futili. Jibqa' l-fatt illi fil-fehma ta' din il-Qorti, u 'rebus sic stantibus', din is-socjeta` ma kelliex tinghata vantagg minn nuqqas volut taghha li effettivament tippartecipa fil-process vizwali tat-tallying waqt l-iskarikazzjoni tal-merkanzija.

Premessi dawn l-osservazzjonijiet dan ma jfisserx li s-socjeta` appellanti hi eskulpata minn kull responsabilita` u li taghmel tajjeb ghad-danni.

Huwa indikat mill-provi illi meta l-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur, l-hsarat jew nuqqasijiet li kienu jezistu fihom huma dawk registrati fit-"Tally sheets" esebiti mis-socjeta` appellanti. Ir-rimarki negattivi fihom allura jaghmlu prova probatorja kontra l-vapur tal-kondizzjoni tal-vetturi fil-mument li dawn ghaddew f'idejn il-Cargo Handling. Minnhom jirrizulta li hdax (11) il-vettura kellhom nuqqasijiet jew hsarat. Abbinati mal-istimi stabbiliti fl-Invoices (fol 38 sa fol 42) ir-rizarciment f'danni li ghandu jitbata mis-socjeta` appellanti hu dak ta' sitt mija erba' u ghoxrin Lira, wiehed u hamsin centezmu (Lm624.51,0) ma' liema somma jrid jizdied erba u erbghin lira (Lm44) f'"survey fees". B'kollox ghalhekk is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin lira, wiehed u hamsin centezmu (Lm668.51,0). Hi din is-somma li s-Sea Malta Company Limited ghandha tbati. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tilqa' t-talba ghar-revoka kif pretiz minn din is-socjeta` izda biss li timmodifika l-istess in kwantu ghall-ammont tad-danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell interpost mis-socjeta` Sea Malta Company Limited. Dan fis-sens li qed tirreduci l-ammont ta' danni li ghandhom jitbatew minn din is-socjeta` fl-ammont ta' sitt mija tmienja u sittin lira, wiehed u hamzin centezmu (Lm668.51,0), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz. Mill-kumplament

is-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn is-socjeta` appellanti u s-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------